# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 16**

**Avviz numru 1852/99/SM**

**General Precast Concrete Limited**

**vs**

**Mario Schembri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Dicembru ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM521.55,0), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal fornituri ta' 'precast concrete', maghmula lilu fuq inkarigu tieghu stess;**

2. **Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagamenti sad-data tal-pagament effettiv, ai termini ta' l-artikolu 114 (1) tal-Kodici Civili, u bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi;**

3. **Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Jannar tas-2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Artiklu 2148 (b) u ta' sentejn a tenur tal-artiklu 2149 (a) tal-Kap 16;**

2. **Il-pagament;**

**Rat il-verbal taghha datat it-2 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu ordnat il-kapovolgiment tal-provi;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament ghall-eccezzjoni preliminari;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut hi dik tal-preskrizzjoni;**

**Illi mix-xhieda mismugha limitatament fuq din il-kwistjoni jirrizulta s-segwenti:**

1. **Illi l-ordni in dizamina saret fi Frar ta' l-1997 u kienet mehuda minn certu Joe Bianco;**

2. **Illi d-data tal-konsenja ta' l-ordni de quo kienet Mejju ta' l-1997;**

3. **Illi skond ftehim li sar bejn il-partijiet kontendenti l-konvenut kellu jhallas hames mitt Lira Maltin, (LM500.00,0), ma l-ordni u l-kumplament mal-konsenja;**

4. **Illi saru zewg pagamenti senjatament fis-26 ta' Frar u fis-7 ta' Mejju ta' l-1997, l-ewwel wiehed ta' hames mitt Lira Maltin, (LM500.00,0), u l-ahhar wahda ta' sitt mija u disa' u disghin Lira Maltin, (LM699.00,0);**

5. **Illi fin-nuqqas ta' kull prova ohra jirrizulta li d-data tan-notifika tal-konvenut bl-avviz odjern kienet il-31 ta' Dicembru ta' l-1999;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-bidu tal-perjodu preskrittiv ghandu hawnhekk jitqies mit-8 ta' Mejju ta' l-1997, id-data ta' meta gie effettwat l-ahhar pagament in parte ghall-ammont dovut mill-konvenut;**

**Illi minn din id-data sad-data li fiha l-konvenut jirrizulta li gie notifikat bl-avviz odjern jirrizulta li l-perjodu ta' sentejn gie abbundantement ezawrit;**

**Illi jirrizulta li l-ordni in dizamina tirrigwarda l-konsenja u tqeghid ta' 'prestressed concrete slabs';**

**Ikkonsidrat:**

**Illi dan ix-xoghol jikkwalifika bhala xoghol ta' kuntratturi ta' bini u ghalhekk hi l-fehema ta' din il-qorti li l-azzjoni odjerna hi koperta bl-artikolu 2149 (a) tal-Kap 16;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tiddikjara li l-procedura odjerna hi preskritta, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**